MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Numru 384/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**
**vs**
**Carmelo Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Carmelo Galea ta' 39 sena, bin Joseph u Carmela nee' Gauci imwieled Pieta' fit-2 ta' Settembru 1963 u residenti fl-Isptar Monte Carmeli, Attard detentur ta' karta ta' identita numru 462463(m) akkuzat talli:

a. fil-5 ta' Marzu 2002, ghal habta tal-5.00p.m. gewwa l-Bahrija l/o Rabat, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Pawlu Galea f'periklu car, wera dan bil-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi b'permezz ta' strument li jaqta jew li jniggiz

(furkettun) ta’ daqqa lejn il-parti vitali tal-gisem ta’ l-imsemmi Pawlu Galea, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu;

b. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b’permess ta’ strument (furkettun), ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta’ Pawlu Galea, liema offiza ser iggib sfregu permanenti fil-wicc, skond kif gie ccertifikat minn Dr. Michael Spiteri MD ta’ S.L.H.

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni li ippersista fiha anki wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi.

Rat l-artikolu 41(1)(a), u 218 tal-Kap 9 u tiddecidi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f’perjodu ta’ 3 snin millum. Tapplika wkoll kontra l-imputat l-Artikolu 383 tal-Kap9 u tpoggih taht garanzija ta’ Lm100 biex ma jimmolestax jew anke javvicina lill-Pawlu Galea skond l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

--------------------------------TMIEM--------------------------------